IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/49

tat-22 ta' Jannar 2021

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 101/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 101/2011 tal-4 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-4 ta' Frar 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 101/2011.

(2) Abbażi ta' rieżami, jenħtieġ li fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 101/2011 jitħassru l-entrati għal erba' persuni, u li l-informazzjoni li tirrigwarda d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tiġi aġġornata fir-rigward ta' żewġ persuni.

(3) Jenħtieġ għalhekk li l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 101/2011 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 101/2011 huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Jannar 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
A. P. ZACARIAS

([1]) ĠU L 31, 5.2.2011, p. 1.

ANNESS

Fir-Regolament (UE) Nru 101/2011, l-Anness I huwa emendat kif ġej:

(1) fil-Parti A (Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2), jitħassru l-entrati għall-persuni li ġejjin:

22. Bouthaina Bent Moncef Ben Mohamed TRABELSI

23. Nabil Ben Abderrazek Ben Mohamed TRABELSI

41. Akrem Ben Hamed Ben Taher BOUAOUINA

47. Slim Ben Tijani Ben Haj Hamda BEN ALI;

(2) il-Parti B (Drittijiet tad-difiża u dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva skont il-liġi Tuneżina) hija emendata kif ġej:

(a) jitħassru l-entrati għall-persuni li ġejjin:

22. Bouthaina Bent Moncef Ben Mohamed TRABELSI

23. Nabil Ben Abderrazek Ben Mohamed TRABELSI

41. Akrem Ben Hamed Ben Taher BOUAOUINA

47. Slim Ben Tijani Ben Haj Hamda BEN ALI;

(b) l-entrati li jikkonċernaw lill-persuni li ġejjin huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

"14. Samira Bent Mohamed Ben Rhouma TRABELSI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari mill-fatt li fil-11 ta' Awwissu 2011, is-Sa Samira Bent Mohamed Ben Rhouma TRABELSI nstemgħet minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tagħha.

45. Montassar Ben Habib Ben Bouali LTAIEF

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari mill-fatt li fl-2011 u fl-2013 is-Sur Montassar Ben Habib Ben Bouali LTAIEF instema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukati tiegħu."